# Sett ġdid ta' marċi marjani

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: F'festi parrokkjali bit-titlu marjan, il-purċissjoni bil-vara tal-Madonna tkun aktarx akkumpanjata minn banda bid-daqq ta' marċi reliġjużi. Ħafna drabi, dawn ikunu innijiet mill-aktar popolari biex in-nies tkun tista' tkanta magħhom. Hemm innijiet jew marċijiet mill-pinna, kemm ta' kompożituri Maltin kif ukoll dawk barranin. Kif ser naraw, f'dan is-sett ġdid ta' marċi marjani hemm taħlita tat-tnejn, b'uħud minnhom fuq versi ta' poeti rinomati Maltin bħalma huma: Dun Karm Psaila u Dun Frans Camilleri.

Kliem muftieħ: Marċi marjani, Innijiet reliġjużi, Dun Karm Psaila, Dun Frans Camilleri, Banda 'San Ġwann' San Ġwann, Banda 'Stella Maris' Sliema, Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Wara ħafna snin twal bla servizzi barra l-pajjiż, il-Banda San Ġiljan bi pjaċir tħabbar li ġiet mistiedna biex tagħti tnejn f'żewġt irħula ġirien li t-tnejn inzertaw jiċċelebraw festa marjana. Dawn is-servizzi, li bdew jingħataw mis-sena l-oħra, huma l-Madonna ta' Lourdes ġewwa San Ġwann, u dik ta' Stella Maris ġewwa Tas-Sliema. Fil-fatt, l-ewwel Banda Ġiljaniża qegħda takkumpanja l-vara fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes, li taħbat dejjem fl-ewwel Ħadd ta' Awwissu (L-Imsieraħ, jew kif kien magħruf ukoll San Ġwann, sar parroċċa bit-titlu ta' Marija Verġni Immakulata ta' Lourdes nhar it-12 ta' Settembru 1965), u fil-festa ta' Stella Maris – il-Kewkba tal-Baħar – liema festa taħbat fl-ewwel Ħadd fuq it-18 ta' Awwissu. Għal dan il-għan, il-Kumitat bi ħġaru ddeċieda li għandu jsir sett ta' marċi u innijiet marjani sabiex ikunu jistgħu jindaqqu fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Das-sett ġdid fil-fatt ser jiżżanżan fil-festa ta' nhar il-Ħadd 3 ta' Awwissu. Is-Surmast Manoel Pirotta u Roger Muscat ħadmu id f'id fuq dan il-proġett ġdid. Hawn taħt hija lista sħiħa ta' marċi u innijiet marjani li ser jindaqqu. Qed jingħata wkoll xi tagħrif siewi marbut magħhom biex il-qarrej ikun jista' japprezzahom aħjar:

00. **Innu-Marċ Banda San Ġiljan** - Versi ta' Carmelo Galea SDB (16.viii.1890 - 29.vii.1973) u mużika ta' Angelo Pullicino (04.xii.1904 – 20.ix.79).



Carmelo Galea, awtur ta' diversi xogħlijiet tal-palk u ta' poeżiji bil-Malti, twieled B'Kara u mar joqgħod Tas-Sliema. Fl-1910 daħal Aspirant mas-Sależjani f'St. Patrick's u għamel xi snin barra għan-Novizzjat u l-Ewwel Professjoni. Mill-1933 'il quddiem huwa għex dejjem fl-Oratorju San Alfons f'Tas-Sliema fejn kien responsabbli mill-produzzjonijiet teatrali mtellgħin mill-Għaqda Filodrammatika San Ġinesju. Il-ħsieb ewlieni fil-kitbiet kollha tiegħu u l-wirjiet teatrali kien jagħmilhom biex ixerred il-valuri nsara fost il-mijiet ta' dawk li jiffrekwentaw it-teatru tas-Sależjani.



Angelo Pullicino huwa sinonimu mal-Banda San Ġiljan għax kien Surmast sa mit-twaqqif tagħha għal aktar minn 40 sena. Għalkemm imwieled B'Kara, il-familja tiegħu marret toqgħod San Ġiljan. Studja taħt Vincenzo Costa u Giuseppe Abdilla (armonija). Kien Surmast ta' diversi baned. Kiteb għadd kbir ta' marċi brijużi u innijiet.

01. **É l'Ora Che Pia** – Magħrufa aħjar bħala l-*Ave ta' Lourdes*. Għandha mużika ta' Luis Iruarrizaga Aguirre, C. M. F. (1891-1928) u arranġament għall-banda ta' Secondina da Palma (tw. 1968). Il-kliem bil-Malti huma ta' P. Xuereb.

02. **Santa Madre –** Għanja popolari b'arranġament għall-banda ta' Secondina da Palma.

03. **Salve, o Vergine Maria** – Il-mużika hija ta' Don Pasquale Silla.

04. **Ave Maria De Fatima** - Għalkemm il-kompożitur ta' dan l-innu mhux magħruf, il-versi huma ta' António Botto (1892-1959)

05. **Santa Maria Del Cammino** – Din l-għanja hija ddedikata lill-Madonna tat-Triq u għandha arranġament għall-banda ta' Secondino de Palma.

06. **Dell' aurora Tu sorgi più Bella** - Francesco Saverio M. D'Aria (1889-1976) u Don Luigi Guida (1883-1951) huma l-awtur u kompożitur ta' dan l-innu marjan klassiku.

07. **Inno a Maria SS. Del Carmine** (*canto religioso*) - Dal-innu reliġjuż huwa ddedikat lill-Madonna tal-Karmelu u għandu arranġament mużikali ta' Giuseppe Lotario (tw. 1948)

08. **Ismagħha l-Għanja** – Melodija Portugiża li għandha kliem tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila (18.x.1871 – 13.x.1961) u armonizzazzjoni u arranġament għall-banda ta' Manoel Pirotta.



Dun Karm Psaila twieled f'Ħaż-Żebbuġ. Sar qassis ta' 23 sena u beda jgħallem is-Seminarju. Ħareġ l-ewwel ktieb ta' versi bit-Taljan fl-1896. Għamel żmien twil jgħix il-Belt fejn kiteb uħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu. Għamel xi żmien jgħix ukoll f'Tas-Sliema u San Ġiljan. L-ewwel poeżija li kiteb bil-Malti - *Quddiem Xbieha tal-Madonna*, dehret fl-ewwel ħarġa ta' *Il-Ħabib* u kitibha meta kellu 40 sena! Kiteb ukoll għadd ta' innijiet, fosthom l-Innu Malti.

09. **Bħalma Int, bl-akbar qima** - *Bħalma Int, o Marija, fit-tempju* (għanja li titkanta waqt l-Offerta) u *Bl-akbar qima, o mbierka Madonna* (għanja li titkanta waqt id-dħul tal-quddiesa) huma żewġ innijiet iddedikati lill-Imqaddsa Verġni Marija. Dan ġew magħqudin flimkien u jindaqqu b'tali mod li jiffurmaw *da capo aria*. L-arranġament mużikali huwa ta' Manoel Pirotta. Iż-żewġ għanjiet għandhom kliem ta' Dun Frans Camilleri u mużika ta' P. Danjel Sammut O. Carm. (tw. 6.xi.1924) rispettivament.



Patri Daniel Sammut twieled Tas-Sliema. Ingħaqad mal-Patrijiet Karmelitani fl-1940, u għamel il-Professjoni Sempliċi fl-1941 u l-Professjoni Solenni fl-1945. Ġie ordnat presbiteru fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta fl-1947. F'Malta studja l-mużika taħt is-Surmastrijiet Joseph Abela Scolaro u Carmelo Pace u f'Londra fit-Trinity College u l-Guildhall School of Music minfejn kiseb diversi diplomi. Kittieb ta' għadd kbir ta' xogħlijiet mużikali, direttur u għalliem tal-mużika, u organista. Għal żmien twil kien ukoll Kappillan tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.



Dun Frans twieled il-Marsa. Studja fis-Seminarju tal-Furjana u l-Università ta' Malta. Ħa l-quddiesa fl-1943. Għallem il-Malti fil-Kulleġġ San Alwiġi u s-Seminarju bejn (1944-64). Okkupa diversi karigi bħala segretarju u editur. Kiteb mal-500 innu għal parroċċi, skejjel, għaqdiet reliġjużi u lajċi – innijiet ispirati mill-ħajja Maltija kemm reliġjuża, soċjali u edukattiva, imqanqla b'mod speċjali mill-imħabba u l-qima li kellu lejn il-Madonna u l-qaddisin. Għadd ta' poeżiji u esejs minn tiegħu ġew ippubblikati f'antoloġiji u rivisti. Bħala fotografu kien magħruf għar-ritratti li jaqbdu l-ambjent lokali u l-pajsaġġ Malti.

10. **A mi Virgen de Valvanera**: Jacinto Manuel Rojas Guisado huwa l-kompożitur ta' dan il-marċ iddedikat lil Sidtna Marija ta' Valvanera f'Sevilla.

11. **Viva Viva – Inno alla Madonna del Divino Amore** – L-innu huwa ddedikat lill-Madonna tal-Imħabba Divina u għandu arranġament għall-banda ta' Secondino da Palma.

12. **Fil-Ħlewwa ta' Mejju** (Innu lill-Madonna) – l-Innu għandu mużika ta' Giuseppi Caruana ( 1.vi.1880 – 21.xi.1931) u versi ta' Dun Karm Psaila.



Giuseppe Caruana studja taħt Paolino Vassallo u kien kompożitur ta’ mużika sagra. Jibqa’ magħruf l-aktar għall-innu *T’Adoriam ostia Divina* fuq kliem ta’ Dun Karm Psaila għall-okkażjoni tal-*Kungress Ewkaristiku Internazzjonali* tal-1913 (Dan il-kungress, is-sena d-dieħla jagħlaq mitt sena minn mindu sar). Kien *maestro di cappella* tal-knisja ta’ San Duminku l-Belt Valletta.

13. **Religiosa** (*Marcia Religiosa*): Dan il-marċ reliġjuż għandu mużika ta’ Claudio Calderari (tw. 1948).

14. **Madwarek O Madonna – O Verġni l-iżjed safja**: Dawn iż-żewġ innijiet għandhom mużika ta’ Dun Karm Scerri. L-ewwel innu għandu versi ta’ Dun Frans Camilleri filwaqt li t-tieni wieħed huma ta’ Bro. Henry (Emanuel) Grech F.S.C. (18.xii.1919-10.vi.1981). L-arranġament għall-banda huwa ta’ Manoel Pirotta.



Bro.Henry twieled f’Tas-Sliema. Jibqa’ mfakkar l-iżjed għall-imħabba li kellu lejn l-Ilsien Malti li huwa għallem għal bosta snin u għall-kitbiet li ħalla għat-tixrid tiegħu fost l-istudenti u ż-żgħażagħ tal-ġenerazzjoni ta’ żmienu. Kien Brother ta’ De la Salle. Ippubblika diversi *text books* għall-iskejjel u oħrajn b’suġġett storiku, kif ukoll ħafna innijiet sagri.



Mons. Carmelo Scerri (1905-05.iii.81) beda jitgħallem il-mużika taħt missieru Vittorio Scerri u kompla l-istudji tal-mużika polifonika fis-Seminarju. Wara li sar saċerdot fl-1930 kompla jistudja, u ħames snin wara nħatar organista fil-Katidral tal Luçon fi Franza. Lura Malta fl-1945 inħatar organista tal-Kon-Katidral ta’ San Ġwann, kariga li żamm għal madwar 30 sena. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsemmu il-Kantata f’ġieħ Santa Marija ta’ Lourdes, l-Oratorio *S. Gregorio Magno*, quddiesa pastorali, u għadd ta’ innijiet.

15. **Fit-Tempju Tarbija – F’Riġlejn it-Tron tal-Grazzja** – Huma żewġ għanjiet oħra bi kliem ta’ Patri Alfons M. Sammut ofmconv. u mużika ta’ Dun Karm Scerri, u arraġament għall-banda ta’ Manoel Pirotta. L-ewwel innu (tal-Imqaddsa Verġni Marija) jitkanta waqt l-Offerta, filwaqt li t-tieni wieħed (tal-Qalb bla Tebgħa ta’ Marija) jitkanta waqt id-dħul tal-quddiesa. Dan tal-aħħar iservi bħala introduzzjoni f’forma ta’ fanfarra għall-ewwel wieħed immmarkat *Maestoso* u li għandu minn *marcia lenta*.

Patri Alfons M. Sammut (28.iv.1929) twieled B’Kara. Studja s-seminarji tar-Rabat u l-Belt u f’Ruma. Huwa ngħaqad mal-Ordni tal-patrijiet Minuri Konventwali fl-1945 u ġie ordnat qassis fl-1952. Għamel xi żmien kappillan tal-knisja ta’ Burmarrad. Intbagħat it-Turkija fl-1982 bħala gwardjan u rettur tal-Bażilika ta’ Sant’ Antnin f’Istanbul. Fl-1997 laħaq gwardjan u kappillan tal-knisja ta’ Santa Liena f’Izmir. Kemm dam it-Turkija serva diversi karigi għoljin.

16. **Ave o Stella Del Mare** – Innu ddedikat lil Stella Maris – Kewkba tal-Baħar. L-arranġament għall-banda huwa ta’ Secondino de Palma

17. **In Precessione** (*Marcia Religiosa*) – Marċ reliġjuż kompożizzjoni oħra ta’ Giuseppe Lotario.

**Innu Popolari Madonna ta’ Lourdes**– L-innu, f’forma ta’ volantin, għandu mużika ta’ Carmelo Zammit (16.iv.1907-09.ii.2004).



Carmelo Zammit, kompożitur u direttur, twieled f’Tas-Sliema. Kien *maestro di cappella* f’għadd ta’ parroċċi. Kiteb f’diversi ġeneri fosthom, mużika leġġiera, b’uħud mill-kanzunetti tiegħu jirbħu l-aqwa premijiet f’kompetizzjoni lokali u barranin. Minbarra xogħlijiet sagri, kiteb ukoll mużika għall-vodvill u  l-operetta. Ingħata Ġieħ ir-Repubblika fl-1997. Iżżewweġ lil Josephine Vella fl-1928 u għandu tifel u tlitt ibniet. Uħud mill-aqwa kanzunetti tiegħu għandhom kliem ta’ Carmen Dimech.